**Parlament Ewropew**
2019-2024

*Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu*

**2021/2012(INI)**

30.6.2021

# OPINJONI

tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

għall-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

dwar strateġija Ewropea għall-enerġija rinnovabbli offshore
(2021/2012(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Marian-Jean Marinescu



Magħquda fid-diversità

PA_NonLeg

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu jistieden lill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Diċembru 2019 bit-titlu "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew" (COM(2019)0640) u r-riżoluzzjoni korrispondenti tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Jannar 2020[1],

– wara li kkunsidra l-ftehim adottat fil-21 Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (COP21) f'Pariġi fit-12 ta' Diċembru 2015 (il-Ftehim ta' Pariġi),

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-28 ta' Novembru 2019 dwar l-emerġenza klimatika u ambjentali[2],

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Mejju 2020 bit-titlu "Strateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030: Inreġġgħu n-natura lura f'ħajjitna" (COM(2020)0380),

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Novembru 2020 bit-titlu "Strateġija tal-UE biex jiġi sfruttat il-potenzjal tal-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta għal futur newtrali għall-klima" (COM(2020)0741),

– wara li kkunsidra d-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli[3],

– wara li kkunsidra d-Direttiva 2014/89/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 li tistabbilixxi qafas għal ippjanar tal-ispazju marittimu[4],

– wara li kkunsidra l-ftehim politiku bejn il-Parlament u l-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2021 dwar il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa 2021-2027,

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-8 ta' Lulju 2020 bit-titlu "Strateġija għall-idroġenu għal Ewropa newtrali għall-klima" (COM(2020)0301) u r-riżoluzzjoni korrispondenti tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' Mejju 2021[5],

– wara li kkunsidra d-Direttiva 2014/94/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2014 dwar l-installazzjoni ta' infrastruttura tal-karburanti alternattivi[6], u dalwaqt se tiġi riveduta,

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-9 ta' Diċembru 2020 bit-titlu

---

[1] Testi adottati, P9_TA(2020)0005.
[2] ĠU C 232, 16.6.2021, p. 28.
[3] ĠU L 328, 21.12.2018, p. 82.
[4] ĠU L 257, 28.8.2014, p. 135.
[5] Testi adottati, P9_TA(2021)0241.
[6] ĠU L 307, 28.10.2014, p. 1.

"Strateġija għal Mobbiltà Sostenibbli u Intelliġenti – inqiegħdu t-trasport Ewropew fit-triq it-tajba għall-futur" (COM(2020)0789),

– wara li kkunsidra l-kompetenza tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu tal-Parlament Ewropew fil-qasam tal-ipprogrammar marittimu u l-politika marittima integrata,

1. Jilqa' l-ambizzjoni tal-Kummissjoni li tilħaq 340 GW ta' kapaċità tal-enerġija rinnovabbli offshore sal-2050 bħala element ewlieni għad-dekarbonizzazzjoni b'suċċess tas-setturi tat-trasport u t-turiżmu; jenfasizza li, peress li l-kapaċità tal-enerġija rinnovabbli offshore tal-UE-27 bħalissa hija ta' ftit aktar minn 12 GW, il-bini ta' siti tal-enerġija rinnovabbli offshore jrid jiġi aċċellerat b'mod drastiku u l-ispazju meħtieġ irid jiġi identifikat malajr kemm jista' jkun sabiex il-kostruzzjoni tkun tista' tilħaq dik il-mira fil-ħin; iqis li l-espansjoni massiva tal-ġenerazzjoni, tal-ħżin u tad-distribuzzjoni tal-enerġija rinnovabbli offshore bi prezzijiet aċċessibbli, u l-konnessjoni u l-integrazzjoni sħiħa tagħha fil-grilja tal-enerġija tirrappreżenta prekundizzjoni indispensabbli għall-użu mifrux tal-mobbiltà elettrika u tal-fjuwils tat-trasport rinnovabbli nodfa, bħall-idroġenu u l-ammonijaka b'mod partikolari; jenfasizza, għalhekk, il-ħtieġa ta' qafas legali Ewropew ġenerali u pjan ta' investiment tal-UE, li jiggarantixxu ċertezza lill-partijiet interessati kollha u li jkomplu jżidu l-kompetittività, u, fejn meħtieġ, il-maturità teknoloġika tas-settur, f'konformità sħiħa mal-Istrateġija tal-UE għall-Idroġenu u ż-żieda qawwija mistennija fid-domanda għall-idroġenu mis-settur tat-trasport b'mod partikolari; jistieden, b'mod partikolari, lill-Istati Membri jżidu u jiffaċilitaw malajr u fuq skala kbira ħafna investimenti pubbliċi u provati mmexxija mis-suq fl-enerġija rinnovabbli offshore u jieħdu, b'mod partikolari, l-opportunità pprovduta mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF) f'dan ir-rigward;

2. Jissottolinja l-importanza ta' din l-espansjoni massiva tal-enerġija rinnovabbli offshore biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi u biex jinżamm l-impenn tal-UE għall-mira ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra żero netti sa mhux aktar tard mill-2050, f'konformità mal-aħħar evidenza xjentifika, kif ikkonfermat fil-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-pjan ta' rkupru; jenfasizza li l-iffrankar tal-enerġija, l-effiċjenza enerġetika u l-enerġija rinnovabbli huma fost il-mezzi ewlenin għall-ilħuq ta' ekonomija b'newtralità klimatika netta u għandhom jiġu implimentati fi kwalunkwe ppjanar tal-offerta u d-domanda tal-enerġija; jissottolinja, għahekk, il-ħtieġa tal-ġestjoni aktar sostenibbli tal-ispazju marittimu u l-kosti sabiex jiġi sfruttat il-potenzjal tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli offshore;

3. Jissottolinja l-importanza tal-portijiet marittimi moderni, sostenibbli u innovattivi għall-assemblaġġ, il-manifattura u l-manutenzjoni ta' tagħmir tal-enerġija rinnovabbli offshore, u l-investiment konsiderevoli meħtieġ biex jittejbu l-infrastruttura tal-portijiet, inklużi t-terminals tat-trasport u l-bastimenti għall-provvediment ta' dawn is-servizzi; jirrimarka r-rwol tal-portijiet marittimi bħala punti ta' żbark fuq l-art għall-enerġija rinnovabbli ġġenerata offshore u l-loġistika marbuta magħha u bħala hubs tal-enerġija rinnovabbli għall-konnessjoni tal-grilja elettrika offshore u interkonnetturi transfruntieri, kif ukoll kif ukoll għall-elettroliżi u l-importazzjoni, il-produzzjoni, il-ħżin, it-trasport u d-distribuzzjoni tal-idroġenu, l-ammonijaka u fjuwils alternattivi nodfa oħra; jiġbed l-attenzjoni għall-ħtieġa li jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-istrumenti finanzjarji, b'mod partikolari fl-ambitu tal-RRF u l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (CEF2), sabiex jiġi ffaċilitat l-adattament tal-infrastruttura tal-portijiet għal dawn ir-

rekwiżiti l-ġodda u jissaħħu s-sinerġiji bejn in-networks TEN-T u TEN-E; jissottolinja li l-aċċess għall-enerġija rinnovabbli offshore se jikkontribwixxi wkoll għall-ekoloġizzazzjoni tal-portijiet, anki f'termini tal-provvista tal-elettriku fuq l-art għall-bastimenti meta jkunu rmiġġati u l-iżvilupp tagħhom bħala raggruppamenti industrijali ċirkolari;

4. Jissottolinja l-opportunitajiet li l-enerġija rinnovabbli offshore tista' toffri lir-reġjuni kostali, kemm billi żżid is-sostenibbiltà relatata mal-enerġija tas-soġġorni turistiċi, kif ukoll billi tibbilanċja l-effetti ekonomiċi staġjonali u tipprovdi impjiegi stabbli u prevedibbli flimkien ma' tkabbir fl-industriji rinnovabbli lokali offshore u fl-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) matul is-sena kollha; jenfasizza l-opportunitajiet relatati għall-iżvilupp soċjoekonomiku ta' dawn ir-reġjuni u għall-ħolqien ta' komunitajiet lokali offshore tal-enerġija ċirkolari; jissottolinja l-ħtieġa ta' djalogu strutturat, li jinvolvi lill-awtoritajiet lokali, u ta' tranżizzjoni ġusta lejn enerġiji rinnovabbli offshore, inkluż taħriġ adegwat biex il-forza tax-xogħol titħejja għal sfidi ġodda;

5. Jissottolinja li r-reġjuni ultraperiferiċi u l-gżejjer huma dipendenti ħafna fuq l-importazzjonijiet tal-fjuwils fossili minkejja li għandhom opportunitajiet u ta' spiss potenzjal ġeografiku partikolari għall-enerġija rinnovabbli; ifakkar li l-gżejjer huma partikolarment affettwati miż-żieda fil-livell tal-baħar; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet lokali u reġjonali, biex jagħtu attenzjoni speċjali lill-iżvilupp ta' proġetti pilota fil-qasam tal-enerġija rinnovabbli offshore kif ukoll proġetti fuq skala kummerċjali f'dawn it-territorji, filwaqt li jiffukaw b'mod partikolari fuq il-bżonnijiet tagħhom fir-rigward tat-trasport u fuq l-industriji tat-turiżmu; ifakkar fil-potenzjal naturali enormi għall-enerġija eolika offshore u potenzjal naturali tajjeb għall-enerġija mill-mewġ u mill-marea fl-Atlantiku u fir-reġjuni ultraperiferiċi tiegħu; jitlob li tiġi intensifikata l-inizjattiva "Enerġija Nadifa għall-Gżejjer tal-UE", b'enfasi qawwija fuq l-enerġija rinnovabbli offshore;

6. Ifakkar li l-ħtieġa ta' aktar żvilupp tal-enerġija rinnovabbli offshore tapplika għall-baċiri tal-baħar kollha tal-Ewropa u li ż-żoni b'potenzjal rinnovabbli offshore verament mhux sfruttat, bħall-Baħar Mediterran, il-Baħar Baltiku u l-Baħar l-Iswed, jeħtieġu attenzjoni speċjali, inkluż permezz ta' finanzjament tar-riċerka u l-iżvilupp f'teknoloġiji innovattivi bħall-enerġija eolika offshore galleġġanti, l-enerġija solari, dik mill-mewġ u dik mill-marea kif ukoll il-produzzjoni tal-idroġenu ekoloġiku offshore sabiex l-adattamenti teknoloġiċi neċessarji jidħlu fil-fażi pilota fuq terminu qasir u mbagħad jimxu lejn fażi iktar intensifikata filwaqt li dawk li jinsabu fuq quddiem nett, bħall-Baħar tat-Tramuntana, jeħtiġilhom ikomplu jiżviluppaw u jiddefendu l-pożizzjoni mexxejja tagħhom fuq livell dinji għall-benefiċċju tal-Ewropa kollha kemm hi; iqis li l-Unjoni Ewropea jeħtiġilha tagħmel dak kollu li tista' biex iżżomm il-pożizzjoni tagħha bħala mexxejja fl-enerġija eolika;

7. Jenfasizza li r-riċerka u l-investiment f'teknoloġiji ta' ħżin effettivi għall-enerġija eolika offshore jeħtieġ li jitħaffu, sabiex tissolva l-problema tad-dipendenza mit-temp u tiżdied is-sigurtà tal-provvista tal-grilja tal-elettriku fid-dawl taż-żieda enormi fil-produzzjoni tal-elettriku meħtieġa biex tinkiseb it-tranżizzjoni klimatika;

8. Jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni li tfassal oqfsa għall-użu tal-enerġija rinnovabbli offshore u għall-ippjanar tal-grilja skont il-baċir tal-baħar, permezz tal-involviment ta'

pajjiżi differenti tal-UE u l-ħolqien ta' sinerġiji ma' interkonnetturi eżistenti jew ippjanati u l-konnessjoni ta' grilji nazzjonali offshore; jistieden lill-Kummissjoni tiffaċilita l-iżvilupp ta' valutazzjonijiet tal-impatt komprensivi għal kull baċir tal-baħar biex tevalwa u tidentifika l-post taż-żoni tal-baħar xierqa, l-impatt fuq il-bijodiversità tal-baħar, l-ambjent u l-attività turistika, il-kost u l-kapaċità tal-produzzjoni tat-tagħmir u l-kost tal-infrastruttura tal-grilja.

9. Jissottolinja li għalkemm l-investituri għandhom iġorru r-riskju tas-suq, fi swieq fejn l-adozzjoni tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli offshore hija fi stadju bikri, bħall-Mediterran, riskju għoli u dħul baxx jistgħu jiġu kkumpensati permezz ta' skemi ta' appoġġ, bħall-RRF u s-CEF2 li jmiss, biex jiġi żgurat li l-investimenti fi proġetti tal-enerġija rinnovabbli offshore jsiru fuq terminu qasir/medju u li dawn il-proġetti jiżdiedu fuq terminu medju/twil; ifakkar fl-importanza ta' sforzi koerenti u kkoordinati fl-istrateġiji ta' investiment nazzjonali u tal-UE biex tiġi żgurata l-kooperazzjoni bejn is-settur pubbliku u dak privat ħalli jiġu ffaċilitati l-manifattura, l-installazzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tat-teknoloġiji innovattivi;

10. Jenfasizza l-importanza tal-Kooperazzjoni tal-Enerġija fl-Ibħra tat-Tramuntana (NSEC) għall-ippjanar konġunt tal-ispazju marittimu u l-ġestjoni integrata tal-kosta li tmur lil hinn mill-fruntieri nazzjonali, u jenfasizza l-ħtieġa li r-Renju Unit jerġa' jiġi inkluż; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jestendu l-isforzi ta' riċerka, żvilupp u innovazzjoni filq-asam tal-parks eoliċi galleġġanti u l-isfidi tat-trasport assoċjati mal-kostruzzjoni u l-manutenzjoni tagħhom u biex jivvalutaw il-fattibbiltà tal-istabbiliment ta' Proġett ta' Interess Ewropew Komuni (IPCEI) f'każ ta' proġett fuq skala kbira;

11. Iqis li l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha għandhom jiżviluppaw ftehimiet ġeostrateġiċi dwar l-infrastruttura tal-enerġija offshore ma' reġjuni ġeografiċi tal-viċinat, speċjalment il-Balkani tal-Punent, u l-Baċiri Mediterranji tan-Nofsinhar u tal-Lvant;

12. Jenfasizza li l-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, anki permezz tal-użu tal-enerġija offshore, hija vitali sabiex jiġu limitati l-effetti devastanti tat-tisħin globali fuq l-ekosistemi akkwatiċi tal-baħar, it-temperaturi tal-ilma li qed jogħlew, l-aċidifikazzjoni tal-oċeani, il-bidliet fil-fluss tal-ilma, it-telf tal-ħabitats tal-ħut u l-produttività tal-ispeċijiet tal-baħar u tal-ilma ħelu; jissottolinja li l-ħtiġijiet li qed jiżdiedu b'mod drastiku għall-enerġija rinnovabbli offshore fis-setturi tat-trasport u tat-turiżmu jistgħu jintlaħqu filwaqt li jkunu għal kollox konformi mal-għanijiet tal-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità, peress li, pereżempju, iż-żieda meħtieġa fl-industrija eolika offshore sabiex tintlaħaq il-mira tal-klima għall-2030 hija stmata li teħtieġ inqas minn 3 % tal-ispazju marittimu Ewropew; jirrikonoxxi l-effetti potenzjalment dannużi tal-enerġija eolika offshore fuq l-ambjent tal-baħar; jenfasizza, madankollu, li jekk ikunu ddisinjati u mibnija b'mod sensibbli, il-parks eoliċi offshore jistgħu wkoll jkunu ta' benefiċċju għall-bijodiversità tal-baħar wara l-kostruzzjoni; ifakkar, għalhekk, li espansjoni qawwija tal-produzzjoni tal-enerġija eolika offshore teħtieġ approċċ intelliġenti biex tiġi żgurata l-koeżistenza tagħha mal-attivitajiet li diġà jseħħu fiż-żoni affettwati u li ssir l-inqas ħsara possibbli lill-ambjent;

13. Ifakkar fl-importanza tal-applikazzjoni xierqa tad-Direttiva 2014/89/UE tat-23 ta' Lulju 2014 li tistabbilixxi qafas għal ippjanar tal-ispazju marittimu; jenfasizza li l-ippjanar irid jipprevedi viżjoni fit-tul li tirrikonċilja l-enerġija rinnovabbli offshore ma'

attivitajiet oħra, bħas-sajd, b'tali mod li kulħadd ikun parti mill-iżvilupp sostenibbli tal-ispazju marittimu Ewropew, filwaqt li titqies il-protezzjoni tal-bijodiversità u riżorsi oħra tal-baħar; iqis li, fir-rigward tar-rwol kritiku tat-trasport marittimu u tal-portijiet marittimi, l-iżvilupp tal-enerġija rinnovabbli offshore għandu jqis il-ħtieġa ta' mogħdijiet u kurituri ta' aċċess marittimi sikuri, kanali ta' navigazzjoni u żoni ta' ankraġġ madwar il-portijiet; jenfasizza għalhekk il-ħtieġa li ssir konsultazzjoni fi stadju bikri mal-korpi tal-ġestjoni tal-portijiet u mal-partijiet interessati rilevanti u li tingħata prijorità lill-kooperazzjoni bilaterali u multilaterali tal-ippjanar spazjali marittimu bejn l-Istati Membri biex jiġu garantiti s-sikurezza u l-funzjonament kontinwu tat-trasport marittimu; jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa linji gwida għas-sikurezza tat-tbaħħir f'parks eoliċi offshore u bastimenti tal-kostruzzjoni f'kooperazzjoni mal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima; jinnota bi tħassib li diversi Stati Membri ma kinux stabbilew il-pjanijiet spazjali marittimi tagħhom sal-iskadenza tal-31 ta' Marzu 2021 stabbilita fid-Direttiva 2014/89/UE, u jħeġġeġ lill-Kummissjoni tivverifika l-allinjament tagħhom mal-pjanijiet nazzjonali fil-qasam tal-enerġija u l-klima, speċjalment id-dispożizzjonijiet tagħhom relatati mal-iżvilupp tal-enerġija offshore.

## INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 28.6.2021 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 41<br>–: 3<br>0: 3 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Magdalena Adamowicz, Andris Ameriks, José Ramón Bauzá Díaz, Izaskun Bilbao Barandica, Paolo Borchia, Marco Campomenosi, Ciarán Cuffe, Johan Danielsson, Karima Delli, Gheorghe Falcă, Giuseppe Ferrandino, Mario Furore, Søren Gade, Isabel García Muñoz, Jens Gieseke, Elsi Katainen, Kateřina Konečná, Elena Kountoura, Julie Lechanteux, Benoît Lutgen, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska, Marian-Jean Marinescu, Tilly Metz, Cláudia Monteiro de Aguiar, Caroline Nagtegaal, Jan-Christoph Oetjen, Philippe Olivier, Rovana Plumb, Tomasz Piotr Poręba, Dominique Riquet, Dorien Rookmaker, Massimiliano Salini, Sven Schulze, Barbara Thaler, István Ujhelyi, Marianne Vind, Henna Virkkunen, Petar Vitanov, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Roberts Zīle, Kosma Złotowski |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Pablo Arias Echeverría, Angel Dzhambazki, Maria Grapini, Roman Haider, Jutta Paulus, Kathleen Van Brempt |

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| 41 | + |
|---|---|
| ECR | Angel Dzhambazki, Tomasz Piotr Poręba, Roberts Zīle, Kosma Złotowski |
| NI | Mario Furore |
| PPE | Magdalena Adamowicz, Pablo Arias Echeverría, Gheorghe Falcă, Jens Gieseke, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska, Benoît Lutgen, Marian-Jean Marinescu, Cláudia Monteiro de Aguiar, Massimiliano Salini, Sven Schulze, Barbara Thaler, Henna Virkkunen, Elissavet Vozemberg-Vrionidi |
| Renew | José Ramón Bauzá Díaz, Izaskun Bilbao Barandica, Søren Gade, Elsi Katainen, Caroline Nagtegaal, Jan-Christoph Oetjen, Dominique Riquet |
| S&D | Andris Ameriks, Johan Danielsson, Giuseppe Ferrandino, Isabel García Muñoz, Maria Grapini, Rovana Plumb, István Ujhelyi, Kathleen Van Brempt, Marianne Vind, Petar Vitanov |
| The Left | Kateřina Konečná, Elena Kountoura |
| Verts/ALE | Ciarán Cuffe, Karima Delli, Tilly Metz, Jutta Paulus |

| 3 | - |
|---|---|
| ID | Julie Lechanteux, Philippe Olivier |
| NI | Dorien Rookmaker |

| 3 | 0 |
|---|---|
| ID | Paolo Borchia, Marco Campomenosi, Roman Haider |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni